MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Numru 249/2014

**SPETTUR JURGEN VELLA**

**VS**

**FREDRICK DALLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Fredrick Dalli ta’ 31 sena, bin Carmel u Alfreda nee’ Barbara, mwieled Pieta’ fit-12 ta’ Novembru 1982, residenti 6, Triq Santu Rokku, Bormla u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 619882M;

Talli;

1) Fix- xahar ta’ Jannar 2014 u xhur precedenti, f’ dawn il- gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’ kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggett huwa ‘Fuel’ li l- valur tieghu ma jeccedix €2,329.37 li sar ghad- detriment li sar ghad- detriment ta’ Lawrence Scicluna, Stephen Buhagiar, Carmel Galea, Pawlu Vella u/ jew persuni ohra;

2) Aktar atlli rrenda ruhu recidiv ai terminu tal- Artikolu 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta wara li hu kien gie misjub hati permezz ta’ sentenza moghtija mill- Qrati tal- Magistrati Malta Dr M. Hayman LL.D datata 7 ta’ Lulju 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi l-addebitu tar-recidiva kienet applikabbli biss taht l-Artikolu 49 u mhux taht l-Artikolu 50 tal-Kap 9;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------